# IRRID IMMUR TA' XBIEX

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm il-baħar
sbejjaħ, kaħlani u dejjem ġdid f'għajnejja,
ma jdejjaqlix lil qalbi : inħobb fil-wisa'
niġġerra qalb l-egħlieqi

bla tarf, ħadrana; imma tbeżżagħni l-medda
ta' baħar kbir u wiesa' daqs is-sema.
Inħobbu l-baħar, inħobbu żgħir quddiemi
biex ngħannqu sew b'għajnejja.

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm sabiħa
tidħak ukoll fi lwienha, 'l hinn mill-baħar,
il-ħdura tal-prinjoli u l-liedna mqabbda
mas-swar taħt il-Furjana.

Għax hemm fis-skiet tad-djar ħelwin, bajdana,
nismagħhom il-mewġiet resqin imgħaġġla
ħa jbewsu 'l-blat bla heda. U nħoss riġlejja,
imdendla fuq xi blata,

jixxenglu 'l hawn u 'l hinn u jċafċfu fl-ilma
meta, b'xi ktieb fuq ħoġri, hemm fis-setaħ,
nilmaħ 'il-hinn mill-ktieb il-mewġ fiddieni
jiżżeffen f'wiċċ il-baħar.

Irrid immur Ta' Xbiex għax hemm il-baħar
ma jġorrx għajdut in-nies, 'mma jħobb fuq dahru
iqabbeż xi ċagħqiet, bid-daħk fuq fommu,
li jwaddbu t-tfal nibbiexa.

FRAN. CAMILLERI